**Sejħa għal espressjoni ta' interess u sottomissjoni ta' proposti għall-kiri tal-Bar u l-Foyer tal-każin tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* u t-Teatru *Astra*.**

Il-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* qiegħed iniedi proċess pubbliku sabiex kull min hu interessat jista' jagħmel proposti għall-operat u kiri tal-*Bar* u l-*Foyer* tal-Każin tal-Banda *La Stella* u t-Teatru *Astra*.

Il-proposti għandhom jaslu f'*envelope* magħluq, fil-kaxxa tal-ittri tal-istess każin, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 14 ta' Settembru f'nofsinhar. Kull korrispondenza trid tkun indirizzata lill-Bord tal-Għażla li qed jkun appuntat mill-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* u jrid jkollha referenza ċara għal din is-sejħa ta' interess dwar l-operat u l-kiri tal-*Bar* u *Foyer* tal-Każin u t-Teatru *Astra*.

Kull interess u sottomissjoni għandom jinkludu l-applikazzjoni (Dok A) u l-proposta kummerċjli u operattiva immarkata bħala (Dok B).

Dawk interessati jistgħu jitolbu lill-Kumitat Eżekuttiv għall-pjanta tal-post li turi l-parti li se tkun qed tinkera, billi jibgħatu fuq info@lastella.com.mt.

Il-Kumitat ta' Għażla, hekk kif appuntat mill-Eżekuttiv tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, għandu d-dritt jirrifjuta kull offerta, anke' l-aktar waħda vantaġġjuża, mingħajr il-bżonn li jagħti ġustifikazzjoni. Id-deċiżjoni meħuda li ser issir pubblika, hi dik finali.

Il-peruna jew persuni wara l-proposta li tigi magħżula se jkunu mitlubin jiffirmaw kuntratt tal-kera li jrid jiġi negozjat mal-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*.

*Stqarrija maħruġa llum 1 ta' Settembru 2018 mill-kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà Filarmonika* La Stella.